MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-11 ta' April, 2003

**L-Avukat Dottor Aaron M. Bugeja bhala Mandatarju specjali tas-socjeta' Estera "Ocean Warrior Beheer B.V".**

**Vs**
**M.V. Northella**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici OCEAN WARRIOR BEHEER B.V. hija keditrici tal-bastiment Mv NORTHELLA fl-ammont ta' EURO 93,500.48 (circa Lm40,000 – erbghin elf lira Maltin);

Premess illi dan l-kreditu huwa dovut rigward xogholijiet ta' tiswija u servizzi ohra fuq il-bastiment MV Northella qabel ma gie hawn Malta fuq ordni tal-kaptan u sidien tal-bastiment ;

Premess illi s-socjeta' attrici talbet lil konvenuta diversi drabi sabiex ihallas l-ammont dovut u minkejja dan hija baqghet inadempjenti.

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenut ma ghandhux eccezzjonijiet x'jaghti.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;

2. tikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' Euro 93.500,48 (circa Lm40,000 – erbghin elf liri Maltin);

Bl-ispejjez u bl-imghax relattiv sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attur nomine.

Rat in-nota ta' l-Avukat Carmel Chircop bhala mandatarju tal-bastiment Mv Northella li permezz taghha ammetta t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni.

Billi mill-ammissjoni ta' l-Avukat Carmel Chircop bhala mandatarju tal-bastiment Mv Northella t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni ta' l-Avukat Carmel Chircop bhala mandatarju tal-bastiment Mv Northella tiddecidi billi tilqa' t-talba tal-attur nomine kif dedotta fic-citazzjoni ghal ammont ta' Euro 93,500.48 ekwivalenti ghal disgha u tletin elf u hames mija u lira Maltin u sebgha u erbghin centezmi (LM39,501.47) skond ir-rata tal-kambju fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-bastiment konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------